# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza tas-16 ta' Mejju 2023**

**Talba nru. 140/2022**

**SHIRLEY-ANNE BALACCHINO**
**(KI 31897M)**

*VERSUS*

**ANDRE JEAN HILI**
**(KI 449993M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talbaipprezentat fit-13 ta' Mejju 2022 (Fol 1 et seq), l-attrici talbet lill-konvenut sabiex jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' erbat elef u mitejn Ewro (Eur 4200) rapprezentanti flus imhallsa ghal xoghol li kellu jaghmel il-konvenut liema xoghol qatt ma kompla jigi ezegwit. Bl-Ispejjez inkluz tal-mandat ta' sekwestru u bl-imghaxijiet legali.

Ra illi l-konvenut gie debitament notifikat fl-4 ta' Novembru 2022 kif jidher a fol. 10.

Ra illi l-konvenut fl-udjenza tas-6 ta' Dicembru 2022 naqas milli jidher ghal tali seduta kif ukoll naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu moghti lilu bil-ligi u lanqas deher xi rapprezentant ghalih sabiex iwiegeb ghat-talbiet attrici.

Ra illi fid-dawl ta' tali omissjonijiet min-naha tal-konvenut, it-Tribunal iddikjara lill-istess konvenut bhala kontumaci.

Ra illi l-attrici ipprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut.

Ra illi fis-seduta tas-7 ta' Frar 2023 il-konvenut minkejja li msejjah diversi drabi rega ma deherx sabiex iwiegeb ghal pretizi attrici.

Ra id-dokumenti ipprezentati fosthom chats.

Sema l-voice recordings ipprezentati li jikkonsistu fi twegibiet ghac-chats mibghuta.

Ra l-atti processwali.

Ra illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi t-Tribunal ra l-affidavitipprezentat mill-attrici fis-7 ta' Frar 2023 fejn tiddikjara illi ghal habta ta' Jannar 2021 kienet talbet lill-konvenut sabiex jaghmel xogholijiet ta' plumbing u drains fil-fond taghha u ta' l-gharus taghha Matthew Farrugia. Illi kien sar ftehim bejn il-partijiet illi tali xogholijiet kienu ser jiswew Eur 6393.24 kif jidher mid-dokument esebit a fol.20 u l-pagamenti kellhom isiru kif stabbilit u muri fid-dokument a fol. 21. Ix-xogholijiet bdew fit-12 ta' Mejju 2021 u kien sar depozitu ta' Eur 1600. F'Gunju 2021 il-konvenut kien informa lill-attrici li parti mix-xoghol kien lest u li seta biss ikompli wara li jkun imqieghed il-madum. Il-konvenut kien talab lill-attrici t-tieni pagament minkejja li x-xoghol kien baqalu biex isir u dan minhabba li kien allega li kien xtara xi materjal. Ghaldaqstant l-attrici kienet hallset Eur 3600 ohra lill-konvenut. Wara li l-madum kien lest ghal habta ta' Novembru 2021 l-attrici bdiet tipprova tikkuntatja lill-konvenut izda dan ma bediex iwiegeb. Wara diversi tentattivi l-konvenut kien ghamel kuntatt ma' l-attrici u nfurmaha illi ma kienx ghadu jahdem bhala electrician u plumber izda minhabba li kien ga thallas minghand l-attrici, huwa kien lest li jkompli x-xoghol. Minkejja hafna weghdiet min-naha tal-konvenut li kien ser ikompli x-xogholijiet, dan qatt ma sehh. L-attrici tghid illi minbarra din il-kawza, hija irrapurtat lill-konvenut u ttiehdu passi kriminali. Sabiex isir ix-xoghol li naqas jaghmel il-konvenut, l-attrici kellha thallas Eur 4694.30 kif jidhru d-dokumenti esebiti a fol.32 u 33. Minbarra dan l-ammont li kellha tonfoq ghax-xoghol, l-attrici qieghda titlob l-ammont ta' Eur 4200 li tat lill-konvenut ghax-xoghol li ma sarx u liema ammont baqa ma thallasx lura.

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din id-disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Illi l-konvenut baqa' ma ressaqx risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu quddiem it-Tribunal fl-udjenza li kienet tmiss wara n-notifika lilu ta' l-atti u, addirittura, lanqas ma deher xi rapprezentant legali tieghu sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici fl-udjenza sussegwenti. Tali konvenut, ghalhekk, kien gie dikjarat fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-affidavit dettaljat ta' l-attrici bid-dokumenti mehmuza li juru l-konferma li x-xoghol ma tkompliex u li l-hlas ma sarx min-naha tal-konvenut ghandu certament jitqies bhala prova sodisfaċenti u kompluta u għalhekk ma hemm l-ebda raġuni sabiex dan it-Tribunal jiddubita l-veraċità ta' din ix-xhieda.

Illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza abbazi tal-materjal probatorju sa dakinhar migbur in atti, u dan bl-adoperu tas-sucitat Artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tas-socjeta attrici da parti tal-konvenut izda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm il-konvenut baqa kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta ghamel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut/socjeta konvenuta. (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002).

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

Wara li ra d-dokumentazzjoni relattiva u l-affidavitipprezentat, it-Tribunal ma jsibx diffikultà jikkonkludi li l-attrici timmerita li tieħu l-ammont reklamat skont l-Avviż tat-Talba minghand il-konvenut.

Ghalhekk, fid-dawl tal-provi mressqa mill-attrici u anke bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta t-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin.

**Decide**

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici fil-konfront tal-konvenut u konsegwentament jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' erbat elef u mitejn Ewro (Eur 4200.00) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mit-13 ta' Mejju 2022 li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri huma kollha a kariku tal-konvenut.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur